A.L. 108 ta' l-2002

ATT DWAR L-GHAQDIET KOPERATIVI
(KAP. 442)

Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperativi għar-rigward ta' Soċjetajiet Koperativi

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 91 u 108 ta' l-Att dwar l-Għaqdiet Koperativi, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Fond Ċentrali tal-Koperativi għar-rigward ta' Soċjetajiet Koperativi. Titolu.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti - Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Għaqdiet Koperativi;

"*Chairman*" tfisser iċ-*Chairman* tal-Kumitat tal-Fond Ċentrali tal-Koperativi;

"Kumitat" tfisser il-Kumitat tal-Fond Ċentrali tal-Koperativi;

"laqgħa ġenerali annwali" tfisser il-laqgħa ġenerali annwali tal-kumitati ta' tmexxija ta' soċjetajiet koperativi reġistrati, msemmija fir-regolament 11 ta' dawn ir-regolamenti;

"Malta" għandha l-istess tifsir mogħti lilha fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni.

(2) Kliem u frażijiet mhux imfissra f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsir bħalma hu mogħti lilhom fl-Att.

3. (1) Ikun hemm Kumitat li jkun magħruf bħala l-Kumitat tal-Fond Ċentrali tal-Koperativi, li jkollu l-funzjonijiet - Twaqqif tal-Kumitat tal-Fond Ċentrali tal-Koperativi.

(a) li jamministra l-Fond Ċentrali tal-Koperativi;

(b) li jġib 'il quddiem l-edukazzjoni u t-tahriġ dwar il-koperativi għall-iżvilupp ġenerali tal-Moviment Koperativ f'Malta, u sabiex iwettaq kull attivita` li jkollha x'taqsam ma' dan;

(ċ) biex jiffinanzja programmi edukattivi u ta' taħriġ li jkollhom x'jaqsmu mal-promozzjoni u l-iżvilupp tal-Moviment Koperativ għall-membri u l-persunal impjegat minn koperativi u persuni oħra li jistgħu attivament jikkontribwixxu lejn il-promozzjoni tal-Moviment Koperativ;

(d) biex jikkummissjona studji u riċerka f'oqsma partikolari ta' attività fil-koperativi jew f'xi soċjetà koperativa individwali f'Malta, bil-għan li jiġi stmat kull twettiq imgħoddi u jiġi żvelat kull potenzjal possibbli għall-operat tal-futur;

(e) biex jipproduċi jew jippubblika materjal edukattiv dwar il-koperativi għall-użu tal-membri ta' soċjetajiet koperativi, studenti u l-pubbliku ġenerali bil-għan li jiġu mxerrda kunċetti u prattika koperativa;

(f) biex jisponsorja l-parteċipazzjoni minn koperativi f'fieri kummerċjali jew fieri speċjalizzati għall-promozzjoni ta' soċjetajiet koperativi jew tal-Moviment Koperativ in ġenerali;

(g) biex jappoġġa u jintensifika l-parteċipazzjoni tal-Moviment Koperativ Malti f'organizzazzjonijiet, attivitajiet u proġetti relevanti fuq livell internazzjonali;

(h) biex jappoġġa l-eżistenza u l-iżvilupp ta' soċjetajiet koperativi f'kull settur ta' l-ekonomija u tas-soċjeta';

(i) biex jikkonsidra u, fejn jitqies xieraq, jappoġġa l-programmi edukattivi li jiġu proposti mill-Bord minn żmien għal żmien;

(j) biex jiġbor, jirkupra u jistitwixxi proċedimenti għall-ħlas ta' ammonti lill-Fond Ċentrali tal-Koperativi, skond l-artikolu 91(6) ta' l- Att.

Il-Ministru jaħtar il-Kumitat tal-Fond Ċentrali tal-Koperativi.

4. (1) Il-Ministru għandu jaħtar, fuq il-parir taċ-*Chairman* tal-Bord, il-Kumitat tal-Fond Ċentrali tal-Koperativi, skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(2) Il-Kumitat ikun magħmul minn -

(a) erba' membri li jirrappreżentaw soċjetajiet koperativi eletti skond ir-regolament 11 (2) (ċ). Għal dan il-għan, kull soċjetà ikollha d-dritt tinnomina rappreżentant wieħed li jkun membru tal-Kumitat jew impjegat full-time li jkun jokkupa kariga maniġerjali:

Iżda f'ebda każ ma tista' soċjetà koperativa unika tinnominina iżjed minn membru wieħed;

(b) żewġ membri li jiġu nominati mill-Bord minn fost il-membri tal-Bord, u li jintgħażlu permezz ta' vot mill-istess Bord;

(ċ) membru li jiġi nominat mill-organizzazzjoni *Apex*.

(3) (a) Il-Kumitat ikollu Segretarju li jinħatar mill-membri tal-Kumitat u li ma jkollux vot.

(b) Id-dmirijiet tas-Segretarju jkunu jinkludu dawn li ġejjin:

(i) li jlaqqa' u jattendi għal laqgħat tal-Kumitat u għal laqgħat annwali ġenerali;

(ii) li jżomm sew u kif imiss u aġġornati ir-records kollha tal-Fond, karti u reġistri, u li jmexxi l-korrispondenza relattiva;

(iii) li jżomm inventarju tal-proprjetà li tappartjeni lil Fond;

(iv) li jwettaq kull dmir ieħor li jista' jiġi speċifikat mill-Kumitat.

(4) Il-membri tal-Kumitat jinħatru għal perjodu ta' sentejn:

Iżda bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan is-subregolament, il-membri nominati skond il-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament għandhom jibqgħu fil-kariga biss sakemm jibqgħu membri tal-Bord, jew tal-Kumitat ta' tmexxija tas-soċjetà, jew fl-impieg tas-soċjetà li tkun ippreżentat in-nomina tagħhom, skond il-każ.

(5) Fi tmiem il-perjodu ta' kariga tagħhom, il-membri kollha tal-Kumitat ikunu eliġibbli li jerġgħu jiġu eletti jew maħtura mill-ġdid mingħajr ebda limitu, skond il-każ.

(6) Membru tal-Kumitat, kif ukoll is-Segretarju tal-Kumitat, għandu jitħallas tali honorarium ħekk kif il-Kumitat, bl-approvazzjoni tal-laqgħa annwali ġenerali, jista' minn żmien għal żmien jiddeċiedi dwaru. Tali honorarium għandu jitħallas mill-Fond Ċentrali tal-Koperativi.

(7) Meta tinħoloq vakanza għal liema raġuni tkun għar-rigward ta' membru tal-Kumitat maħtur skond ma hemm fis-subregolament (2)(a) ta' dan ir-regolament, dik il-vakanza għandha

timtela mill-persuna li tkun kisbet l-ogħla għadd ta' voti minn fost il-kandidati mhux eletti fl-aħħar elezzjonijiet preċedenti:

Iżda membru li jassumi l-kariga bis-saħħa tas-subregolament (7) ta' dan ir-regolament iżomm biss il-kariga għall-perjodu li jifdal taż-żmien ta' kariga oriġinali tal-membru li jidħol minfloku.

(8) Meta tokkorri vakanza għal-liema raġuni tkun għar-rigward ta' membru tal-Kumitat maħtur skond is-subregolament (2)(b) ta' dan ir-regolament, dik il-vakanza għandha timtela minn xi membru ieħor tal-Bord li jiġi nominat minn dak l-istess Bord.

(9) Meta tokkorri vakanza għal liema raġuni tkun għar-rigward ta' membru tal-Kumitat maħtur skond is-subregolament (2) (ċ) ta' dan ir-regolament, dik il-vakanza għandha timtela minn membru ieħor li jiġi nominat mill-organizzazzjoni *Apex*.

(10) Kull membru tal-Kumitat li jassenti lilu nnifsu għal tliet laqgħat konsekuttivi tal-Kumitat mingħajr raġuni valida għandu jiġi kkunsidrat bħala li jkun irriżenja mill-Kumitat. F'dan il-każ, il-proċedura għall-mili ta' vakanza fil-Kumitat hija dik imfissra fis-subregolamenti (7), (8) u (9) ta' dan ir-regolament.

(11) Il-membri tal-Kumitat għandhom jaħtru *Chairman* minn fosthom. Fuq talba ta' xi membru tal-Kumitat, dik il-ħatra għandha ssir permezz ta' vot sigriet.

(12) Kull membru tal-Kumitat li jkollu interess dirett jew indirett xort'oħra milli bħala membru tal-Kumitat jew b'mod komuni mal-membri l-oħra kollha tal-Kumitat, f'xi kuntratt jew ftehim magħmul jew propost li jsir mill-Kumitat, jew għar-rigward ta' xi ħaġa oħra jew interess li jitqajjem jew li jiġi diskuss mill-Kumitat, għandu jirtira mil-laqgħa filwaqt li l-kuntratt jew il-ftehim ikun qed jiġi diskuss jew deċiż mill-Kumitat.

Rappreżentanza tal-Kumitat.

5. Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Kumitat tkun vestita fiċ-*Chairman* jew, fl-assenza tiegħu, f'xi membru ieħor tal-Kumitat li l-Kumitat jista' minn żmien għal żmien jaħtar għal dak l-għan:

Iżda, iktar minn ħekk, il-Kumitat jista' jaħtar lil xi wieħed jew aktar mill-membri tiegħu biex dawn jidħru f'ismu u daparti tiegħu fi proċeduri ġudizzjarji, jew fuq xi att, kuntratt jew dokument li jkun.

Laqgħat tal-Kumitat.

6. (1) Il-laqgħat tal-Kumitat jitlaqqgħu mis-Segretarju li jaġixxi fuq struzzjonijiet taċ-*Chairman*, jew fuq talba ta' mill-anqas żewġ membri, u għandhom isiru daqstant spiss daqskemm jista' jkun meħtieġ iżda f'kull każ mhux inqas minn darba kull tliet xhur.

(2) Il-quorum fil-laqgħat tal-Kumitat ikun ta' erba' membri, inklużi mill-anqas żewġ membri nominati skond ir-regolament 4 (2) (a) u mill-inqas minn membru wieħed nominat skond ir-regolament 4 (2) (b).

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-aħħar paragrafu preċedenti, il-Kumitat m'għandux ikun preklużż milli jagħmel xi laqgħa jew milli jagixxi dwar xi ħaġa sempliċement minħabba f'xi vakanza fis-sħubija tiegħu.

(4) Kull deċizjoni tal-Kumitat għandha tittieħed b'maġġoranza sempliċi tal-voti li jintefgħu mill-membri preżenti u votanti. Iċ-*Chairman* m'għandux ikollu, f'każ li jkun hemm voti ndaqs, vot deċiżiv b'żieda mal-vot oriġinali tiegħu.

7. (1) Il-Kumitat għandu jeserċita grad għoli ta' diliġenza fl-amministrazzjoni tal-fondi li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Il-Kumitat għandu f'kull waqt iżomm mill-inqas għaxra fil-mija (10%) tal-fond totali tal-Fond Ċentrali tal-Koperativi f'kont korrenti jew ta' tifdil f'bank lokali. Amministrazzjoni ta' Fondi.

(2) Il-Kumitat għandu jippreżenta rapport sħiħ ta' l-attivitajiet u l-operazzjonijiet tiegħu lil-laqgħa annwali ġenerali.

8. (1) Kull ħlas li jsir mill-Fond Ċentrali tal-Koperativi għandu jkollu *voucher* relattiv iffirmat miċ-Chairman u minn membru wieħed ieħor tal-Kumitat. Ħlasijiet mill-Fond.

(2) Il-ħlasijiet isiru b'cheque li jiġi ffirmat miċ-*Chairman* u minn xi membru ieħor tal-Kumitat.

9. Il-Kumitat għandu jżomm il-kontijiet tiegħu kif imiss, kif ukoll kull *record* ieħor meħtieġ għar-rigward tat-transazzjonijiet finanzjarji u l-operazzjonijiet tal-Fond. Kontijiet kif imiss.

10. (1) Il-kontijiet tal-Fond isiru sat-30 ta' Gunju ta' kull sena u għandhom jiġu verifikati minn persuna li jkollha warrant biex teserċita bħala *Certified Public Accountant* and *Auditor* u li tiġi maħtura mil-laqgħa annwali ġenerali. L-awditur li jiġi hekk maħtur għandu f'kull waqt raġonevoli jkollu aċċess sħiħ u liberu għal kull *record* ta' verifika u kull *record* ieħor li jirrigwarda t-transazzjonijiet finanzjarji tal-Fond. Verifika tal-Fond.

(2) L-awditur għandu b'mod partikolari jirrapporta dwar -

(a) jekk id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jkunux jagħtu dehra veritiera u ġusta tat-transazzjonijiet finanzjarji u ta' l-istat kif ikunu l-affarijiet tal-Fond;

(b) jekk tkunx saret verifika kif imiss u jekk ikunux inżammu *records* sew;

(ċ) jekk l-irċevuti, ħlasijiet, depożiti u investimenti ta' spejjeż għar-rigward tal-Fond ikunux saru skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawn ir-regolamenti; u

(d) dwar kull ħaġa oħra relevanti li tohroġ mill-verifika.

(3) L-awditur għandu minnufih jgħarraf lill-Kumitat, kif ukoll lill-Bord, dwar kull irregolarità materjali li tinkixef filwaqt li tkun qed issir il-verifika.

Laqgħa Ġenerali Annwali.

11. (1) Għandu jkun hemm mill-inqas darba kull sena laqgħa ġenerali annwali tal-Kumitati ta' Tmexxija ta' kull soċjetà kooperativa reġistrata.

(2) Il-funzjonijiet tal-laqgħa ġenerali annwali għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) tirċievi u tikkonsidra r-rapport tal-Kumitat;

(b) tirċievi u tikkonsidra r-rapport ta' l-awditur fuq il-kontijiet u l-operat tal-Fond u biex jeżamina u, jekk ikun hekk xieraq, japprova d-dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati tal-Fond;

(ċ) teleġġi, darba kull sentejn, ir-rappreżentanti tas-soċjetajiet kooperativi biex joqogħdu fuq il-Kumitat skond ir-regolament 4 (2) (a);

(d) taħtar l-awdituri tal-Fond.

(3) Kull soċjetà kooperativa jkollha jedd tinnomina żewġ delegati biex jirrappreżentawha fil-laqgħa ġenerali annwali. Kull delegat ikollu jedd jattendi u jivvota fil-laqgħa ġenerali annwali.

(4) Għandu jingħata avviż ta' erbatax-il jum lis-soċjetajiet kooperativi kollha, kif ukoll lill-Bord, dwar id-data u l-post tal-laqgħa ġenerali annwali.

(5) Il-quorum f'laqgħa ġenerali annwali jintgħamel mid-delegati li jkunu jirrappreżentaw mhux inqas minn tletin fil-mija mid-delegati kollha li jkollhom jedd jattendu u jivvotaw waqt il-laqgħa.

(6) Il-Bord għandu jirċievi kopja tal-kontijiet verifikati tal-Fond mhux aktar tard minn ġimgħa wara li ssir il-laqgħa ġenerali annwali. Il-Bord jkollu jedd jattendi għal kull laqgħa ġenerali annwali.

Awtorita' li jiffirma.

12. Kull avviż, komunikazzjoni jew dokument ieħor, jew kull awtorizzazzjoni oħra maħruġa minn jew f'isem il-Kumitat għandha tkun iffirmata miċ-*Chairman* jew mis-Segretarju jew minn xi persuna oħra, debitament awtorizzat bil-miktub miċ-*Chairman* għal dak l-iskop.

Komunikazzjonijiet lic-Chairman.

13. Kull avviż, komunikazzjoni jew dokument ieħor li jkun indirizzat lill-Kumitat għandu jkun indirizzat liċ-*Chairman*.

Thassir u transitorja. A.L. 288 ta' l-2001.

14. (1) Il-persuni li ġew eletti fil-laqgħa ġenerali annwali tas-16 ta' Diċembru 2001 skond ir-regolament 11(2)(ċ) tar-regolamenti ta' l-2001, bl-iskop li jissodisfaw il-provvedimenti tar-regolament 4(2)(a) ta' l-istess regolamenti ta' l-2001, huwa meqjusa li ġew eletti taħt dawn ir-regolamenti, *mutatis mutandis*.

(2) Ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar l-Għaqdiet Koperativi (Fond Ċentrali tal-Koperativi) huma b'dawn imħassrin.